22002D0025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 25/2002

ta' l-1 ta' Marzu 2002

li jemenda l-Anness XXI (L-Istatistika) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 86/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1638/2597 ta' l-24 ta' Lulju 2001 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2597/95 dwar is-sottomissjoni ta' l-istatistiċi dwar il-qabda nominali mill-Istati Membri fl-Atlantiku tat-Tramuntana ([2]), irid jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 25ċ (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2597/95) ta' l-Anness XXI mal-Ftehim:

"kif emendat bi:

– **32001 R 1638**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1638/2001 ta' l-24 ta' Lulju 2001 (ĠU L 222, tas-17.8.2001, p. 29)."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolament (KE) Nru 1638/2001 fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Marzu 2002, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 238, tas-6.9.2001, p. 39.
([2]) ĠU L 222, tas-17.8.2001, p. 29.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Marzu 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND